# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar, 2025**

**Numru : 19**

**Rikors numru 410/2023/1 AJD**

**Citadel Insurance plc (C-21550)**

**v.**

**Marvin Bugeja u Fish & Fish Limited (C-14268)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti Marvin Bugeja u l-kumpanija Fish & Fish Limited minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Mejju, 2024, li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari tagħhom, inkluż dik fejn saħqu li l-azzjoni attriċi hija preskritta b'riħet l-**Artikoli 2153** u **2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

## Daħla

2. B'rikors maħluf tad-19 ta' April, 2023 il-kumpanija attriċi fissret li fit-8 ta' Mejju, 2012 kien seħħ inċident stradali f'Marsaxlokk bejn vettura pparkjata bin-numru SSR-111, proprjetà ta' ċertu Mario Muscat, u t-trakk CBN-504, proprjetà ta' Fish & Fish Ltd, waqt li dan kien qed jinstaq minn Marvin Bugeja. Fissret li l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza u imperizja ta' Marvin Bugeja, u li konsegwentement kellha tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba mill-vettura CBN-504 fl-ammont ta' €84,671.48, liema ammont ġie dikjarat fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju 2021 fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Ltd v. Marvin Bugeja***. Kompliet tgħid li minkejja li hija interpellat lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba minnha, dan baqa' ma seħħx u kien għalhekk li fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«(1)Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-ksur tal-polza applikabbli;*
>
> *(2) Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-ħlas ta' erbgħa u tmenin elf, sitt mija, wieħed u sebgħin ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmi (€84,671.48c);*
>
> *(3) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lis-soċjetà attriċi erbgħa u tmenin elf, sitt mija, wieħed u sebgħin ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmi (€84,671.48c);*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali preżentata nhar id-dsatax (19) ta' April 2022 kontra l-intimati u bl-imgħax skont il-liġi kontra l-konvenuti li hija minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

3. Fil-15 ta' Mejju, 2023 il-konvenut Marvin Bugeja u l-kumpanija konvenuta Fish & Fish Limited ressqu t-tweġiba maħlufa u eċċepew:

*«1. Illi preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu illi t-talba tar-rikorrenti sabiex "tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għal ksur tal-polza applikabbli" (senjatament l-ewwel (1) talba tagħha) hija inkompatibbli mal-premessi tal-istess soċjetà rikorrenti, ossia dawk kontenuti fid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-istess soċjetà kif ukoll fir-raġuni tat-talba; dan għaliex, f' din is-sezzjoni – li hija l-bażi illi għandha twassal lis-soċjetà rikorrenti għat-talbiet minnha interposti – ma jissemma l-ebda "ksur tal-polza applikabbli" iżda sempliċement illi "l-imsemmi inċident seħħ negliġenza u imperizja tal-intimat Marvin Bugeja.*

*2. Illi di più, fl-imsemmija premessi, għajr għall-fatt illi s-soċjetà esponenti Fish & Fish Limited ġiet identifikata li kienet proprjetarja tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBN-504, is-soċjetà rikorrenti bl-ebda mod ma indikat kif l-istess soċjetà esponenti Fish & Fish Limited tinkwadra f'din l-azzjoni u wisq anqas kif (u għalfejn) għandha tiġi dikjarata responsabbli;*

*3. Illi a tenur tal-Artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, "ir-rikors ġuramentat...għandu jkun fih...dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża.... sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment." Għaldaqstant tenut kont tal-fatt illi l-kumulu tal-premessi (li fuqhom għalhekk titfisser l-oġġett tal-kawża u ssaħħaħ it-talbiet rikorrenti) bl-ebda mod ma jikkorrispondu mat-talbiet interposti, neċessarjament twassal għan-nullità tar-rikors promotur.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, ukoll in linea preliminari, l-azzjoni rikorrenti hija preskritta kemm a tenur tal-Artikolu 2153 kif ukoll tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għal premess u fil-mertu, it-talbiet rikorrenti huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, ma hemmx bażi għalihom, u għaldaqstant l-esponenti m'għandhom l-ebda responsabbiltà versu s-soċjetà rikorrenti. Dan għandu jwassal li t-talbiet rikorrenti jiġu miċħuda.*

*6. Salv eċċezzjonijiet oħra premessi fil-liġi u bl-ispejjeż kontra l-imsemmija soċjetà rikorrenti.»*

4. B'sentenza parzjali mogħtija fid-9 ta' Mejju 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet l-ewwel erba' eċċezzjonijiet billi ċaħdithom, bl-ispejjeż imħollija għall-ġudizzju finali.

5. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn

*«**A**.**L-Ewwel u t-Tielet Eċċezzjonijiet Preliminari***

*Filwaqt illi fl-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati qed jiġi eċċepit illi talba għal dikjarazzjoni illi l-intimati kisru l-polza tal-assikurazzjoni applikabbli hija inkompatibbli mal-premessi kontenuti fir-rikors promotur, fit-tielet eċċezzjoni preliminari l-intimati jeċċepixxu n-nullità tar-rikors promotur stante illi l-kumulu tal-premessi ma jikkorrispondux għat-talbiet interposti. Ikkunsidrat illi effettivament, dak illi qiegħed jiġi eċċepit f'dawn iż-żewġ paragrafi jirrigwarda l-istess prinċipju, din il-Qorti sejra titratta dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien;*

*Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Rose Bezzina et vs Stefan Apa****p*[1] *:*

*Omissis*

*Huwa minnu illi mkien fil-premessi ma tirriżulta spjegazzjoni jew xi forma ta' elaborazzjoni dwar l-allegazzjoni illi l-intimati kisru l-polza applikabbli, u din l-allegazzjoni tirriżulta biss mit-talbiet. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx illi dan in-nuqqas huwa wieħed daqstant gravi illi jirrendi r-rikors ġuramentat null. Is-soċjetà rikorrenti tgħid fil-premessi illi l-inċident "seħħ unikament minħabba negliġenza u imperizja tal-intimat Marvin Bugeja", li, moqrija in assjem mal-ewwel talba, twassal lil din il-Qorti sabiex tifhem illi dak illi qed jiġi allegat huwa illi meta ġie kkawżat l-inċident, dan kien per kawża ta' negliġenza u imperizja da parti tal-intimat Marvin Bugeja u bi ksur tal-polza applikabbli. L-allegazzjoni hija għalhekk indotta mid-domanda. Imbagħad fuq kollox, wieħed m'għandux jinsa l-fatt illi l-prinċipju li jirregola l-piż probatorju huwa onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Quindi, l-oneru tal-prova jinkombi prinċiparjament fuq l-atturi, li jridu jippruvaw bil-fatti l-allegazzjonijiet minnhom magħmula sabiex jikkonvinċu lil din il-Qorti illi t-talbiet tagħhom għandhom jiġu milqugħa, u fuq il-konvenut illi għandu jressaq provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu sabiex jikkontesta l-pretensjonijiet tal-atturi. Għaldaqstant, sta għas-soċjetà rikorrenti illi ġġib prova ta' dak illi qed tallega, kemm fil-premessi u kif ukoll fit-talbiet, u kif dak premess għandu jwassal sabiex jintlaqgħu t-talbiet;*

*In oltre, ma jidhirx illi l-fatt illi l-premessi m'elaborawx dwar dak illi wassal sabiex is-soċjetà rikorrenti tressaq l-ewwel talba b'xi mod fixkel lill-intimati milli jħejju linja difensjonali tajba jew ikkawżalhom xi preġudizzju gravi. It-talba hija ċara u inekwivoka, u ma tirrikjedi l-ebda spjegazzjoni oltre, fil-fehma tal-Qorti. Fir-risposta ġuramentata tagħhom, l-intimati*

[1] Rik Nru 471/2013/1 JA, Qorti tal-Appell (Superjuri), 17 ta' Marzu, 2021

*jeċċepixxu, fil-mertu, illi "it-talbiet rikorrenti huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, ma hemmx bażi għalihom, u għaldaqstant l-esponenti m'għandhom l-ebda responsabbilità versu s-soċjetà rikorrenti", eċċezzjoni illi tolqot ukoll l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti. Konsegwentement, din il-Qorti ma hix tal-fehma illi n-nuqqas da parti tas-soċjetà rikorrenti sabiex jelaboraw dwar l-ewwel talba fil-premess, huwa mankanza gravi li tista' twassal għan-nullità tal-att promotur;*

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti **tiċħad** l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati.*

***A. It-Tieni Eċċezzjoni Preliminari***

*L-intimati jeċċepixxu illi, għajr għall-fatt illi s-soċjetà intimata Fish & Fish Limited ġiet identifikata li kienet proprjetarja tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBN 504, is-soċjetà rikorrenti bl-ebda mod ma indikat kif l-istess soċjetà esponenti tinkwadra f'din l-azzjoni u kif (u għalfejn) għandha tiġi dikjarata responsabbli;*

*Fil-premessi tagħha, is-soċjetà rikorrenti tindika illi t-trakk illi kien misjuq minn Marvin Bugeja kien proprjetà tas-soċjetà intimata Fish & Fish Limited. Dan, fil-fehma tal-Qorti, huwa biżżejjed, f'dan l-istadju, sabiex is-soċjetà Fish & Fish Limited titqies bħala leġittima kontradittriċi illi għandha tirrispondi għall-kawża odjerna.*

*…*

*Il-fatt biss illi s-soċjetà intimata hija l-proprjetarja tal-krejn illi kien involut fl-inċident iwassal lil din il-Qorti sabiex tifhem ir-raġuni għalfejn il-kawża ġiet intavolata kontra l-istess soċjetà wkoll, u mhux kontra Marvin Bugeja biss. Ma taqbilx din il-Qorti mat-teżi tal-intimati illi ma ġiex spjegat kif l-istess soċjetà intimata tinkwadra f'din l-azzjoni u kif għandha tiġi dikjarata responsabbli, stante illi huwa ċar mill-premessi illi r-raġuni għalfejn ġiet involuta fil-kawża odjerna s-soċjetà intimata kienet illi s-soċjeta' intimata hija l-proprjetarja tal-krejn. Minn hawn isegwi, fid-dawl ukoll ta' ġurisprudenza suċitata, illi jekk is-soċjetà intimata kellhiex x'taqsam mal-akkadut u jekk għandhiex tiġi dikjarata responsabbli, għandu jirriżulta minn indaġini fil-mertu, u mhux f'dan l-istadju. F'dan l-istadju, fejn l-indaġini ssir fuq bażi prima facie, din il-Qorti hija sodisfatta illi ġiet sodisfaċentement indikata r-raġuni illi għaliha ddaħħlet fl-istorja s-soċjetà Fish & Fish Limited;*

*Konsegwentement, din il-Qorti **tiċħad** it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati.*

***B. Ir-Raba' Eċċezzjoni Preliminari***

*Finalment, l-intimati jeċċepixu illi l-azzjoni odjerna hija preskritta kemm a tenur tal-Artikolu 2153, kif ukoll tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*L-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:*

> *L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn.*

*Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 jistabbilixxi illi:*

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *[...]*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

*Omissis*

*Hekk kif ġa ġie senjalat aktar 'il fuq, jirriżulta mit-talbiet tas-soċjetà rikorrenti illi dak illi qiegħda tallega s-soċjetà rikorrenti huwa ksur tal-polza t'assigurazzjoni, illi wasslet sabiex hija kellha tagħmel tajjeb għal danni kkawżati mill-assigurat. Konsegwentement, fit-termini tal-ġurisprudenza suriferita, m'għandux japplika għall-każ odjern il-perjodu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Stabbilit għalhekk illi l-preskrizzjoni applikati għall-każ odjern hija dik ta' ħames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, imiss issa illi jiġi senjalat minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-ħames snin. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra, għall-fini ta' kjarezza, tibda billi tagħmel timeline tal-fatti kif ġraw:*

- *8 ta' Mejju 2012: Seħħ l-inċident;*
- *19 ta' Lulju 2012: Is-soċjetà rikorrenti ġiet informata illi l-krejn kienet qed tinstaq bl-outriggers miftuħa fil-mument illi fih seħħ l-inċident[2];*
- *30 t'April 2014: Ġiet intavolata l-kawża fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Ltd vs Marvin Bugeja;*
- *9 ta' Lulju 2021: Ngħatat is-sentenza fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Ltd vs Marvin Bugeja, illi fiha ġie dikjarat responsabbli għall-inċident Marvin Bugeja, u per konsegwenza ta' liema s-soċjetà Citadel Insurance plc kellha tħallas danni;*
- *7 ta' April 2022: Ġiet preżentata l-ittra uffiċjali bin-numru 1360/2022 mis-soċjetà rikorrenti fil-konfront tal-intimati, tinterpella lill-intimati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni;*

[2] *Vide Dok JG2 a fol 85 tal-proċess*

*L-intimati qed jikkontendu illi l-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri mid-data meta s-soċjetà rikorrenti ġiet konsapevoli illi kien hemm ksur tal-kondizzjonijiet fil-polza relattiva, u dan fit-termini ta' dak ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Gasan Mamo Insurance Limtied vs Mario Seguna et***[3]*, fejn ġie ritenut f'ċirkostanzi simili għal dawk tal-kawża odjerna:*

> *Permezz tal-ittra uffiċjali datata 7 ta' Marzu, 2003, it-terz għarraf lis-soċjetà attriċi bil-kawża li kien qed jintavola dakinhar stess. Kien fil-mument li hija ġiet notifikata bl-imsemmija ittra uffiċjali li saret taf bil-kawża, u allura bil-fatt li jista' jkun li għandha dritt ta' azzjoni kontra l-assikurat tagħha. Ma kienx il-każ allura li s-soċjetà attriċi tistenna l-eżitu tas-sentenza relattiva, wisq anqas li tistenna li tkun għamlet il-pagament lit-terz konsegwenti l-ottjeniment tas-sentenza, sabiex hija tieħu azzjoni kontra l-assikurat tagħha. Hija messha b'ittra uffiċjali interpellat lill-assikurat tagħha bl-intendiment tagħha li tipproċedi kontrih f'każ li jkollha tagħmel tajjeb hi għad-danni li sofra t-terz abbażi tas-sentenza u tal-Kap 104.* ***Dan ma jirriżultax li għamlitu.***

*B'kuntrast, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Hugh P Zammit noe et vs John Mifsud et***[4]

> *Illi d-dritt tal-attur naxxenti mill-artikolu 12 tal-Kap 104 jitwieled mal-mument li jsir il-pagament lit-terz konsegwenti l-otteniment ta' sentenza u mhux qabel. Ghalhekk d-dritt tal-attur qatt ma jista' jiġi marbut, għall-fini ta' preskrizzjoni, mad-data tal-inċident awtomobilistiku.*

*Referenza għal dan l-insenjament sar ukoll, inter alia, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Middlesea Insurance plc vs Peter Azzopardi pro et noe et***[5] *, filwaqt illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***GasanMamo Insurance Limited vs Dennis-Charles sive Dennis Falzon et***[6]*, ġie ritenut:*

> *Fil-fehma ta' din il-qorti għal kull darba li s-soċjetà rikorrenti kienet kostretta tħallas lil xi terz abbażi tal-obbligi legali tagħha ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 beda jiddekorri perjodu tal-preskrizzjoni ta' ħames snin (5) u dan għaliex huwa proprju f'tali mument li jista' jiġi allegat li tnissel id-dannu u mhux meta seħħ l-inċident innifsu.*

*Hekk ukoll iddeċidiet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija riċentement fl-ismijiet* ***GasanMamo Insurance Limited vs Vincent Spiteri***[7]*, fejn il-Qorti bbażat l-argument tagħha fuq dak stabbilit fl-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, illi minnu jitwieled id-dritt ta' azzjoni għal rivalsa:*

---

[3] *Ċit Nru 404/12/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 1 ta' Diċembru 2021*

[4] *Ċit Nru 2256/98, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ A J Magri, 23 ta' April 2001 (konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-1 ta' April 2005*

[5] *Rik Nru 712/2008, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J P Grima, 21 ta' Ottubru 2015 (konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-17 ta' Marzu 2021*

[6] *Rik Ġur 613/2013, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ A Felice, 22 ta' Ġunju 2016 (mhux appellata)*

[7] *Appell Inferjuri Nru 237/2020, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ L Mintoff, 17 ta' April 2024*

*L-azzjoni odjerna hija waħda ta' rivalsa, u għalhekk japplikaw id-dispożizzjonijiet l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi:*

*"10 (1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kundizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."*

*Il-Qorti tqis li dan l-artikolu tal-liġi jfisser li l-jedd ta' azzjoni tas-soċjetà assikuratriċi, hawnhekk l-appellanta, skatta biss fil-mument li ngħatat is-sentenza li ddeterminat darba għal dejjem min kellu jġorr ir-responsabbiltà għall-inċident awtomobilistiku tas-17 ta' April, 2012, u b'hekk skatta fil-konfront tagħha l-obbligu li tagħmel tajjeb hi għad-danni sofferti mit-terz, bil-jedd ta' rivalsa kontra l-assikurat tagħha, hawnhekk l-appellat. Għaldaqstant, il-konsiderazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti, li s-soċjetà appellanta kien messha aġixxiet kontra l-appellat hekk kif ġiet notifikata bl-inċident, ma tirriflettix dak li jgħid dan id-dispost tal-liġi. Is-soċjetà appellanta qatt ma kienet mistennija li tieħu azzjoni ġudizzjarja fuq merament possibilità li hija tintalab tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-terz danneġġjat, iżda d-dritt li taġixxi kontra l-assikurat tagħha skatta biss hekk kif ġiet stabbilita darba għal dejjem ir-responsabbiltà tal-assikurat tagħha, u hija kellha tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-terz, wara li ġew ikkwantifikati dawn id-danni. Kien hemm biss li hija setgħet tintbagħat l-ittra uffiċjali b'interpellazzjoni għal ħlas ta' dejn li huwa ċert, likwidu u dovut, u fl-ebda waqt ieħor qabel.*

*In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-interpretazzjoni tal-liġi applikabbli. Din il-Qorti tqis ukoll li meta wieħed jikkonsidra s-sekwenza tal-fatti kif seħħew, għandu jiġi stabbilit li ma leħaqx għadda il-perijodu preskrittiv stabbilit bil-liġi, u l-azzjoni tas-soċjetà appellanta għandha titqies li mhijiex preskritta, għaliex din setgħet tiġi eżerċitata biss wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri li ddeterminaw min għandu jerfa' r-responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku inkwistjoni, u fl-ebda waqt ieħor.*

*Rinfaċċata b'dawn l-interpretazzjonijiet kuntrastanti, din il-Qorti hija aktar inklinata illi tabbraċċa l-aħħar insenjament, u ċjoè illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza illi fiha jiġi determinat min għandu jerfa' r-responsabbiltà għall-inċident awtomobilistiku. Dan għal żewġ raġunijiet: (a) fl-ewwel lok, l-Artikolu 10 tal-Kap 104 jistabbilixxi illi hija s-sentenza illi tiddetermina responsabbiltà illi timponi fuq l-assiguratur l-obbligu illi jħallas ħsarat kaġunati mill-assigurat tagħha; u (b) fit-tieni lok,*

*li kieku kellha l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar illi s-soċjetà assiguratriċi ssir konxja illi jista' jkun illi għandha dritt ta' azzjoni kontra l-assigurat tagħha, kwalsiasi pretensjoni illi tavvanta s-soċjetà assiguratriċi tkun unikament ibbażata fuq ipotesi illi xorta waħda ma tistax tiġi kompletament pruvata qabel ma tingħata sentenza dwar responsabbiltà. Dan b'ħela ta' riżorsi, spejjeż żejda, u potenzjalment saħansitra anke intavolar ta' kawżi mingħajr ċertezza ġuridika dwar min għandu jinżamm responsabbli għall-inċident. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-perjodu preskrittiv ta' ħames snin kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Atlas Insurance PCC Ltd vs Marvin Bugeja et,*** *u ċjoè mid-disgħa (9) ta' Lulju 2021;*

*Ikkunsidrat it-timeline espost aktar 'il fuq, din il-Qorti hija sodisfatta illi ma kinux għadhom iddekorrew ħames (5) snin mid-data tas-sentenza, la meta ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali u lanqas meta ġiet intavolata l-kawża odjerna. Konsegwentement, din il-Qorti sejra* ***tiċħad*** *ir-raba' eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati fir-risposta tagħhom.»*

6. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza parzjali b'rikors tat-18 ta' Lulju, 2024[8], fejn ressqu żewġ aggravji u talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex:

*«…tħassar u tirrevoka s-sentenza in parte mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Mejju, 2024 fl-ismijiet premessi u tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari kollha mressqa mill-appellanti.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellata.»*

7. Il-kumpanija attriċi wieġbet għal dan l-appell fit-12 ta' Settembru, 2024, u hemmhekk tat ir-raġunijiet tagħha għaliex l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud.

8. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih

[8] Ir-rikors tal-konvenuti tal-14 ta' Mejju 2024, li permezz tiegħu talbu l-awtorizzazzjoni sabiex jappellaw mis-sentenza parzjali, ġie milqugħ fit-18 ta' Ġunju 2024; u għalhekk ir-rikors tal-appell tagħhom ġie ppreżentat eżatt f'għeluq it-30 jum mid-data li fih ġew awtorizzati jappellaw.

għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħhom, il-konvenuti jsostnu li teżisti inkompatibbiltà bejn il-premessi u t-talbiet tal-kumpanija attriċi inkwantu mill-premessi l-kawża tinkwadra bħala azzjoni ta' *culpa aquiliana*, filwaqt li mit-talbiet jidher li hija minflok imsejsa fuq relazzjoni kuntrattwali. Jargumentaw li dan il-fatt kellu jwassal lill-Ewwel Qorti biex tilqa', u mhux tiċħad, l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tagħhom, billi r-rikors maħluf huwa msejjes fuq żewġ azzjonijiet separati u distinti li qegħdin jiġu proposti f'azzjoni waħda.

10. Din il-Qorti tosserva li dak li ġie <u>premess</u> fir-rikors promutur (taħt l-intestatura "*Raġuni tat-Talba*", li huwa riproduzzjoni kelma b'kelma ta' dak li ġie ddikjarat minn Angela Tabone għall-kumpanija attriċi taħt l-intestatura "*Dikjarazzjoni*") jaqra testwalment hekk:

> *«1. Illi fit-tmienja (8) ta' Mejju elfejn u tnax (2012) kien seħħ inċident stradali bejn il-vettura fi Triq il-Power Station, M'Xlokk. Il-ħabta saret bejn il-vettura pparkjata SSR-111 proprjetà ta' Mario Muscat u t-trakk nru CBN-504 misjuqa minn Marvin Bugeja u proprjetà ta' Fish & Fish Ltd (**Dok A**);*
>
> *2. L-imsemmi inċident seħħ unikament minħabba negliġenza u imperizja tal-intimat Marvin Bugeja;*
>
> *3. B'konsegwenza ta' dan l-imsemmi inċident, ir-rikorrenti kellha tagħmel*

*tajjeb għad-danni mġarrba mill-vettura CBN-504 fl-ammont ta' erbgħa u tmenin elf, sitt mija, wieħed u sebgħin ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmi (€84,671.48c);*

*4. Illi dan l-ammont ġie ddikjarat fis-sentenza ta' nhar id-9 ta' Lulju 2021 fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Ltd vs Marvin Bugeja, mogħtija mill-Onor. Imħ. Dr Miriam Hayman (**Dok B**);*

*5. Illi għalkemm l-intimat ġie interpellat b'ittra uffiċjali (**Dok C**) biex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-soċjetà attriċi, dan ma seħħx u per konsegwenza kellha ssir din l-odjerna kawża.»*

11. Dak li mbagħad ġie <u>mitlub lill-Qorti</u> fir-rikors promotur huwa sabiex:

*«1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għal ksur tal-polza applikabbli;*

*2. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-ħlas ta' erbgħa u tmenin elf, sitt mija, wieħed u sebgħin ewro tmienja u erbgħin ċenteżmi (€84,671.48c);*

*3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lis-soċjetà attriċi erbgħa u tmenin elf, sitt mija, wieħed u sebgħin ewro tmienja u erbgħin ċenteżmi (€84,671.48c);*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali preżentata nhar id-dsatax (19) ta' April 2022 kontra l-intimati u bl-imgħax skont il-liġi kontra l-konvenuti li hija (SIC) minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

12. Meta nduru għall-każ tagħna, għalkemm *ictu oculi* jidher li ma jeżistix rabta bejn il-premessi u t-talbiet, din il-Qorti ssib li minn qari akkurat tad-dokumenti li ġew esibiti mar-rikors ġuramentat, <u>liema dokumenti jagħmlu parti mill-premessi</u>, tali rabta fil-fatt tirriżulta.

13. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti li wassalha sabiex tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet, u tqis ukoll li mid-dokument

immarkat **Dok B**[9], li huwa kopja tas-sentenza tad-9 ta' Lulju 2021 jirriżulta li:

- l-okkju sħiħ tal-kawża 367/2014/MH jaqra hekk: ***Atlas Insurance PCC Ltd (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Mario Muscat v. Marvin Bugeja (KI Nru 513877M u Citadel Insurance PLC (C-21550)***, ċjoè jinkludi lis-soċjetà Citadel Insurance bħala konvenuta;

- l-ewwel tliet eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpanija Citadel Insurance plc fir-risposta maħlufa tagħha bħala konvenuta fil-kawża 367/2014/MH jaqraw hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *«1. Preliminarjament illi skont ir-regolamenti applikabbli tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta l-**polza ta' assikurazzjoni maħruġa fuq il-vettura CBN 504 ma kinitx tapplika għall-allegat kolliżjoni** li allegatament ġrat fit-8 ta' Mejju 2012 fi Triq il-Power Station, Marsaxlokk **stante li l-istess vettura kienet qed tinsaq b'mod irregolari li jwassal sabiex il-vettura ma kinitx koperta** kif fuq ingħad – salv id-dritt tar-rikorrenti soċjetà li titħallas mill-eċċipjenti b'dana illi l-istess eċċipjenti jkollha dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-konvenut Marvin Bugeja;*
>
> *2. Illi konsegwentement is-soċjetà eċċipjenti titlob minn din l-Onor. Qorti dikjarazzjoni ai finijiet u effetti kollha tal-liġi li **l-polza ta' assikurazzjoni maħruġa fuq il-vettura CBN 504 ma kinitx tapplika għall-inċident in mertu u dana ai finijiet tal-Exclusions għal Sezzjoni 2 tal-Polza, klawzola nru. 9 – senjatament: "Liability arising out of the operation of your vehicle as a tool of trade or plant forming part of the vehicle or attached to it. Operation shall mean the use of such tool or plant when it is not shut down and properly secured for road use."***
>
> *3. Illi konsegwentement is-soċjetà eċċipjenti titlob bil-qima lil din l-Onor. Qorti tiddikjara li **kwalunkwe ħlas li din l-Onor. Qorti tordnalha li tagħmel ai finijiet tal-imsemmi Kap 104 tal-Liġijiet***

[9] *Fol 7 et seq*

> ***ta' Malta, isir bi dritt ta' rivalza fil-konfront tal-intimat Marvin Bugeja** u għall-ħlasijiet kollha li jsiru in rigward inkluż spejjeż u imgħax jekk applikabbli.*
>
> *4. Illi bla preġudizzju għas-suespost…..»*

- fis-sentenza mogħtija fil-kawża 367/2014/MH, wara li l-Prim'Awla laqgħet it-talbiet attriċi u ddikjarat lil Marvin Bugeja unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku, u wara li kkundannatu sabiex flimkien mas-soċjetà Citadel Insurance plc (fil-vesti tagħha bħala assikuratriċi tal-vettura CBN-504) iħallsu solidalment bejniethom lis-soċjetà Atlas Insurance (kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Mario Muscat) is-somma ta' €46,000 bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mit-18 ta' Jannar 2013, hija fil-fatt laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta Citadel Insurance plc u ddikjarat li:

> *«l-ħlasijiet kollha li jsiru mis-soċjetà konvenuta inkluż l-ispejjeż u imgħaxijiet għandhom isiru bi dritt ta' rivalsa kontra l-konvenut Marvin Bugeja.»*

14. Mid-dokument **Dok C**[10] jirriżulta li l-kumpanija Citadel Insurance plc fil-fatt ħallset is-somma kumplessiva ta' €84,671.48c, kif anke jidher miċ-ċekk maħruġ mill-Bank of Valletta u datat 15 ta' Novembru 2021, ċjoè erba' xhur wara li nqagħtet is-sentenza tal-kawża 367/2014/MH (dan fil-fatt huwa l-istess ammont li l-kumpanija Citadel Insurance plc qiegħda titlob fil-kawża tal-lum).

[10] *Fol 21 et seq*

15. Għaldaqstant l-allegazzjoni tal-kumpanija attriċi li l-vettura ma kellhiex kopertura assikurattiva ma tirriżultax biss mit-<u>talbiet</u>, iżda tirriżulta ukoll mill-istess <u>premessi</u>, li jinkludu l-kontenut kollu tas-sentenza mogħtija fil-kawża 367/2014/MH minn fejn jirriżulta li l-kumpanija Citadel Insurance plc qed issostni li nkisret il-polza ta' assikurazzjoni proprju għaliex meta seħħ l-inċident, il-vettura assikurata misjuqa minn Marvin Bugeja ma kinitx *"shut down and properly secured for road use."*

16. Fid-dawl tas-suespost isegwi li ma hemm l-ebda inkompatibbiltà bejn il-premessi u t-talbiet, u allura <u>l-ewwel eċċezzjoni</u> preliminari tal-konvenuti hija infondata. B'żieda ma' dan, ir-rikors maħluf ma huwa nieqes mill-ebda rekwiżiti imposti mill-**Artikolu 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ladarba mid-dokumenti mehmuża u formanti parti mill-premessi, l-oġġett tal-kawża jirriżulta b'mod ċar. Allura ma treġix it-<u>tielet eċċezzjoni</u> preliminari dwar in-nullità tal-istess rikors maħluf abbażi tal-**Artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

17. Fuq kollox, mhux minnu li nħoloq "preġudizzju lampanti" fuq il-kumpanija konvenuta Fish & Fish Ltd minħabba l-"inkompatibbiltà grassa" bejn iż-żewġ talbiet. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni mhix waħda għad-danni akwiljani iżda hija għad-danni mnissla minn ksur

kuntrattwali. Għalhekk mhux minnu li l-kumpanija konvenuta mhix f'pożizzjoni li tifhem il-motivazzjoni tas-soċjetà attriċi u tipprepara d-difiża tagħha, u allura jsegwi li t-tieni eċċezzjoni preliminari wkoll ma treġix. Kemm hu hekk, il-konvenuti kienu f'pożizzjoni li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom.

18. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti mhux siwi.

19. Ngħaddu issa għat-**tieni aggravju** li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

20. Fl-ewwel lok il-konvenuti appellanti jaċċennaw għall-fatt li fir-rikors maħluf ġie dikjarat li l-inċident, "*seħħ unikament minħabba negliġenza u imperizja tal-intimat Martin Bugeja*" u jargumentaw li minn tali frazi jsegwi li l-azzjoni hija waħda akwiljana, li tinkwadra taħt l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi li: *«L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.»* Isostnu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-azzjoni hija minflok waħda ta' rimbors.

21. Din il-Qorti ma ssibx li l-appellanti għandhom raġun f'dan l-argument. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula minnha għall-finijiet

tal-ewwel aggravju rriżulta biċ-ċar li l-azzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta' tħaris ta' obbligi kuntrattwali u għaldaqstant kienet korretta l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, li jipprovdi li:

> *«L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin:*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta min att pubbliku.»*

22. Kemm hu hekk, fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2021, il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited v. Mario Seguna et*** irreferiet għal dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża ***GasanMamo Insurance Agency Limited nomine v. Philip Dimech proprio et nomine et,*** mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 2013, fejn qalet li,

> *«…għar-risarċiment tad-danni mħallsa lit-terz danneġġat huma talbiet derivanti mir-rabta kuntrattwali bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat tagħha u b'hekk l-azzjoni attriċi hija azzjoni ex contractu u mhux azzjoni ex quasi delicto, isegwi li t-terminu presrittiv ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta mhux applikabbli għall-każ in eżami.»*

23. Fit-tieni lok il-konvenuti jargumentaw li f'każ li din il-Qorti tqis li din l-azzjoni hija waħda kuntrattwali (kif fil-fatt qiegħda tagħmel) u allura japplika l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, xorta waħda kellu jirriżulta li l-azzjoni hija preskritta, għaliex il-preskrizzjoni għandha titqies li bdiet tiddekorri minn meta sar l-inċident jew minn meta s-soċjetà attriċi ndunat bl-allegat ksur tal-polza applikabbli, u mhux mid-data tas-sentenza fil-

kawża 367/2014/MH.

24. Huwa prinċipju magħruf li meta tingħata eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, huwa meħtieġ li l-Qorti tiddetermina minn meta l-preskrizzjoni applikabbli bdiet għaddejja u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita (ara sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' April, 1993, **Kollez. Vol. LXXVII.ii.269**, fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Quintano v. Georgina Calleja et*** u dik tas-26 ta' Ottubru, 2022 fl-ismijiet ***George Baldacchino et v. James Cefai et***).

25. Din il-Qorti ttenni l-prinċipju li l-prova li azzjoni hi preskritta trid issir minn min jagħti l-eċċezzjoni (f'dan il-każ il-konvenuti). L-attur jista' jressaq provi sabiex juri li m'għaddiex iż-żmien, però oriġinarjament il-piż tal-prova qiegħed fuq min jallega l-preskrizzjoni (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Ottubru, 2022 fl-ismijiet ***George Baldacchino et v. James Cefai et***).

26. Huwa prinċipju legali li *contra non valentem agere non currit prescriptio*, li maqlub għall-Malti jfisser li l-preskrizzjoni ma titlaqx kontra min huwa mxekkel jew miżmum milli jaġixxi (ara ***Joseph Zammit Tabona nomine et v. Joseph N. Tabone nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010). Tassew jeżistu sitwazzjonijiet ta' ċertu impedimenti li

jagħmluha impossibbli, jew diffiċli, biex parti tressaq l-azzjoni tagħha. Tali impedimenti jissospendu l-preskrizzjoni u ma jobbligawx lil dak li jkun illi jieħu miżuri oħra biex jikkonserva l-azzjoni tiegħu (ara ***Caterina Gerada et v. Avv Dr Antonio Caruana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 1969 u ***Joseph Borg et v. Josephine Breckon*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Marzu, 2006).

27. B’danakollu però huwa sew magħruf sa minn aktar minn mitt sena ilu, li dan il-prinċipju ta’ *contra non valentem agere non currit prescriptio* jinkludi l-ostakli legali li jxekklu lill-persuna milli taġixxi iżda mhux ukoll l-injoranza tad-drittijiet tiegħu (ara ***Vincenzo Maria Debono v. Dr Massimo Debono nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Frar, 1920). Jinsab ippreċiżat imbagħad, li peress li l-liġi tagħna ma stabbilietx li t-terminu ta’ preskrizzjoni għandu jibda mill-ġurnata tal-għarfien tad-dannu, allura l-preskrizzjoni trid, skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi, tibda mill-jum li jkun seħħ id-dannu jew ikun twieled il-jedd ta’ kreditu (ara ***Banchiere Scicluna nomine v. Ammiraglio Sir Tracey, K.C.B. nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fit-22 ta’ Ġunju 1900 u ***Antoinette Vella v. CareMalta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Diċembru, 2019).

28. Rilevanti ħafna għall-każ tal-lum, dak li kien ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Bartolomeo Xuereb v. Carmelo Zammit*** deċiża fid-

9 ta’ Marzu, 1994, li meta tkun is-sentenza tal-Qrati li toħloq id-dritt ta' azzjoni, allura l-azzjoni ġudizzjarja tista’ tinbeda biss wara li tingħata dik is-sentenza u b’hekk tkun minn dik id-data li tibda tiġri l-preskrizzjoni. Jekk iżda s-sentenza tkun sempliċement dikjaratorja ta’ x'kienet il-pożizzjoni ġuridika korretta qabel bdiet il-kawża, allura, huwa daqstant ieħor ċar li tali sentenza m’għandha ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u, konsegwentement lanqas għad-data li minnha bdiet titlaq il-preskrizzjoni (ara wkoll ***Emilio Agius v. Joseph Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Frar, 2008). Anke jekk sentenza sempliċement tirriżerva dritt ta’ azzjoni *si et quatenus* (bil-Malti jiġifieri: jekk u sa liema punt), dan ma jfissirx li s-sentenza tkun qiegħda toħloq xi dritt ta’ azzjoni li ma kienx jeżisti qabel. Meta ssir riżerva *si et quatenus*, kull ma jsir hu li l-Qorti tkun qiegħda tirriżerva lill-parti dritt ta’ azzjoni jekk dan jeżisti u jekk dan ikun għadu disponibbli, però, ma tkun qiegħda tagħti ebda drittijiet ġodda lil dik il-parti jew b’xi mod tagħti l-ħajja lura għal xi dritt ta’ azzjoni li jkun diġà skada (ara ***Eleni Papadopoulou nomine v. Direttur Ġenerali tal-Artijiet u Reġistru Pubbliku et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Jannar, 2014 u ***Western Company Limited v. Salvu Pisani et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Novembru, 2023).

29. Issa l-Ewwel Qorti qieset li teżisti ġurisprudenza kontrastanti fir-rigward ta’ meta għandu jitqies li tibda tiddekorri l-preskrizzjoni f’każijiet bħal dan tal-lum.

30. Tassew f'bosta sentenzi, il-qrati tagħna ħadu l-linja li f'każijiet ta' jedd ta' rivalsa ta' kumpanija assikuratriċi, id-dritt ta' kumpanija assikurattiva maħluq mill-**Artikolu 12 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni**, jitwieled mal-mument li jsir il-ħlas lil terz wara l-għoti ta' sentenza f'dan is-sens dwar id-danni. Ġie meqjus f'dawn il-każijiet li dan id-dritt ma jistax jintrabat mad-data tal-inċident awtomobilistiku (ara s-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' April, 2001 fl-ismijiet ***Hugh P. Zammit nomine et v. John Mifsud et*** u dik ta' ***Middlesea Insurance p.l.c v. Peter Azzopardi proprio et nomine et*** maqtugħa fil-21 ta' Ottubru, 2015). Dawn is-sentenzi ġew ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April, 2005 u fil-21 ta' Ottubru, 2015 rispettivament, biss però fiż-żewġ appelli ma kien hemm l-ebda aggravju dwar minn meta telqet il-preskrizzjoni. Is-sentenza, mhux appellata, fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited v. Dennis-Charles sive Dennis Falzon*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju, 2016 imxiet ukoll fuq din l-linja ta' ħsieb.

31. B'danakollu l-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2021 fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited v. Mario Seguna*** ma qablitx ma' din il-pożizzjoni kif imfissra fil-paragrafu ta' qabel dan. Il-Qorti tal-Appell qieset li l-kumpanija attriċi la kellha għalfejn

tistenna l-eżitu tas-sentenza li intavola t-terz, u wisq anqas illi toqgħod lura milli tieħu l-passi ġudizzjarji kontra l-assikurat tagħha sakemm hija tkun għamlet il-pagament konsegwenti għas-sentenza. Tenniet illi l-kumpanija assikuratriċi kienet taf bil-kawża li kien intavola t-terz kontriha għaliex kien għarrafha biha dakinhar stess permezz ta' ittra uffiċjali u għalhekk kien messha interpellat lill-assikurat tagħha bl-intendiment li tipproċedi kontrih f'każ li jkollha tagħmel tajjeb għad-danni li sofra t-terz. Fin-nuqqas ta' tali interpellazzjoni rriżulta lil din il-Qorti li l-azzjoni kienet preskritta u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet milqugħa.

32. Fis-sentenza fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Ltd vs Vincent Spiteri*** mogħtija fl-20 ta' Frar, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) osservat kif din il-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża ***GasanMamo vs Seguna*** biddlet id-direzzjoni tal-ġurisprudenza fir-rigward ta' meta għandu jitqies bħala l-*punctum temporis* ta' minn meta għandhom jiddekorru l-ħames snin, u għalhekk hija wkoll segwiet tali insenjament. Madanakollu l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza mogħtija minnha fis-17 ta' April, 2024 dehrilha li din kienet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli. Qieset li l-kumpanija assikuratriċi ma kinitx mistennija tieħu azzjoni ġudizzjarja fuq merament possibbilità li tintalab tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-terz danneġġat u enfasizzat li d-dritt li taġixxi kontra l-assikurat tagħha skatta biss hekk kif ġiet stabbilita darba għal dejjem ir-responsabbiltà tal-assikurat tagħha u hija kellha

tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnu wara li dawn ġew kwantifikati. Sostniet li kien hemm biss li hija setgħet tibgħat ittra uffiċjali b'interpellazzjoni għall-ħlas ta' dejn li huwa ċert, likwidu u dovut.

33. Meta nduru għall-każ tal-lum, l-Ewwel Qorti għażlet li timxi fuq il-ħsieb li l-preskrizzjoni titlaq mid-data tas-sentenza li fiha jiġi determinat min għandu jerfa' r-responsabbiltà għall-inċident. Hija *inter alia* qieset li kieku l-preskrizzjoni kellha titlaq minn meta s-soċjetà assikuratriċi ssir konxja li jista' jkun li għandha dritt ta' azzjoni kontra l-assikurat tagħha, kwalsiasi pretensjoni li tista' tavvanza ma tistax tiġi ppruvata qabel ma tingħata sentenza fuq ir-responsabbiltà u għalhekk dan potenzjalment jista' jwassal għall-intavolar ta' kawżi mingħajr ċertezza ġuridika dwar min għandu jinżamm responsabbli għall-inċident.

34. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan il-ħsieb u fil-fatt issib li għandhom raġun il-konvenuti appellanti jħossuhom aggravati b'tali pożizzjoni.

35. Jiġi enfasizzat li f'każijiet bħal dawn il-preskrizzjoni ma tkunx sospiża sakemm il-kawża intavolata mit-terz tiġi deċiża, għaliex tali sentenza ma toħloqx id-dritt tal-azzjoni iżda tistabbilixxi x'kienet il-pożizzjoni ġuridika korretta qabel ma beda l-proċediment. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza, fuq imsemmija, mogħtija minnha f'***GasanMamo Insurance Limited v. Mario***

***Seguna***:

> *«Fil-kawża* ***Winston Montanaro Gauci pro et noe v. Tarcisio Rapa et****, (Appell 28/02/2015) intqal hekk:*
>
> *"Fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, il-ġurisprudenza hi konformi li, fil-fatt, huwa dan it-terminu applikabbli għall-każ. Il-kwistjoni, f'dan il-każ, hija jekk dan it-terminu kienx sospiż tul iż-żmien li ħadu dawn il-qrati sakemmm iddeċidew il-fatt li l-okkupazzjoni tal-fond kien mingħajr ebda titolu. Tezisti ġurisprudenza li tgħid li, f'każijiet simili, id-dekorriment taż-żmien ta' preskrizzjoni ma setax jgħaddi ħlief mid-data tad-definizzjoni tal-azzjoni li stabbiliet l-eżistenza tal-okkupazzjoni bla titolu. Il-konvenuti appellanti, ġustament fil-fehma ta' din il-Qorti, jikkritikaw din il-linja ġurisprudenzjali. Fi studju interessanti u ta' min ifaħħru, l-appellanti, tramite l-avukat tagħhom, urew kif l-istitut contra non valentum agere non currit praescripto kellu oriġini enigmatika u dam ma ġie aċċettat fi Franza (li għandhom Kodiċi Ċivili jixbah lil tagħna, il-Kodiċi Napuljun), u meta ġie eventwalment aċċettat, ingħata interpretazzjoni stretta, u meqjus li jkun applikabbli biss bħala eċċezzjoni limitata għar-regola li ż-żmien tal-preskrizzjoni jibda jgħaddi minn dakinhar li seħħ l-fatt in kwistjoni. Hawn Malta dan il-prinċipju huwa wkoll aċċettat, però, kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Xuereb v. Zammit****, deċiża fid-9 ta' Marzu, 1994, il-preskrizzjoni tkun sospiża biss fejn sentenza tal-Qorti toħloq id-dritt tal-azzjoni, u mhux fejn sempliċiment tiddikjara l-eżistenza ta' fatt, u ċjoè, tistabbilixxi x'kienet il-pożizzjoni ġuridika korretta qabel ma beda l-proċediment."*
>
> *L-istess b'mod ċar intqal fis-sentenza* ***Eleni Papadopoulou noe v. Direttur Generali tal-Artijiet u Reġistru Pubbliku et****, (Appell 31/01/2014):*
>
> > *"Il-preskrizzjoni tiġi sospiża meta sentenza "toħloq" dritt ta' azzjoni, u mhux sempliċement meta sentenza tiddikjara li jista' jkun hemm dritt ta' azzjoni naxxenti minn fatt li seħħ snin qabel."»*

36. Meta nqisu l-każ tal-lum, il-kumpanija attriċi sejset l-azzjoni tagħha fuq ksur tal-polza. Kienet taf x'kien il-ksur tal-polza sa mill-bidu nett. Dan biex ma nżidux li hija kienet parti wkoll fil-proċeduri fejn it-terz fetaħ azzjoni akwiljana kontra l-assikurat tagħha. Kemm hu hekk, mill-atti ma jirriżultax li wara li fis-7 ta' Mejju, 2014 il-kumpanija Citadel Insurance plc ġiet notifikata bil-kawża 367/14/MH hija interpellat permezz ta' ittra

uffiċjali lill-assikurat tagħha bl-intendiment li tipproċedi kontrih f'każ li jkollha bżonn tagħmel tajjeb għad-danni li sofra t-terz abbażi tas-sentenza u tal-**Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni**. Mill-atti minflok jidher li l-ewwel darba li hija bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenuti odjerni kien fid-19 ta' April, 2022 fejn interpellathom sabiex iħallsuha l-ammont ta' €84,671.48c li hija ħallset in segwitu għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju 2021 fil-kawża 367/14/MH. Tant hu hekk li fit-talba tal-kumpanija attriċi għall-ispejjeż hija ssemmi biss l-ittra uffiċjali tad-19 ta' April 2022.

37. Tqis li għandu japplika għall-każ tal-lum it-tagħlim tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet ***Antoinette Vella v. CareMalta Limited,*** li:

> *«Għalhekk, jekk l-appellanti kellha f'moħħha li żżomm sħiħa l-pretensjonijiet tagħha għall-ħlas ta' salarji ladarba kienet qiegħda tikkontesta s-siwi tat-tkeċċija tagħha mill-impieg, ma kien hemm xejn x'iżommha milli, mqar b'ittra uffiċjali, twaqqaf kull darba l-mogħdija ta' dak iż-żmien skond kemm meħtieġ (Art. 2128 tal-Kap 16). Ir-raġuni miġjuba 'l quddiem minnha fis-sens li riedet tistenna l-pronunċjament tal-Qorti tal-Appell ma tista' bl-ebda mod tissarraf f'dik iċ-ċirkostanza ta' impossibbiltà maħluqa minn kawża barranija għar-rieda tagħha li ssemmiet aktar qabel.»*

38. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-kumpanija attriċi milli żżomm fis-seħħ il-jeddijiet tagħha kontra l-konvenuti tal-lum permezz ta' ittra uffiċjali jew b'kawża *ad hoc* li permezz tagħha titlob dikjarazzjoni li kien hemm ksur tal-polza u għalhekk tar-rabta kuntrattwali.

39. Għaldaqstant dan l-aggravju se jiġi milqugħ billi jirriżulta ppruvat li l-azzjoni attriċi hija preskritta b'riħet l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti **tilqa'** l-appell tal-konvenuti billi: (i) tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu ġew miċħuda l-ewwel tliet eċċezzjonijiet; u (ii) tħassar is-sentenza appellata inkwantu ġiet miċħuda r-raba' eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u minflok din il-Qorti qiegħda tilqa' r-raba' eċċezzjoni u għaldaqstant tiddikjara l-azzjoni attriċi preskritta b'riħet l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**;

L-ispejjeż ta' quddiem l-Ewwel Qorti u ta' quddiem din il-Qorti għandhom jitħallsu terz ($^{1}/_{3}$) mill-konvenuti minħabba li qajmu eċċezzjonijiet dwar in-nullità tar-rikors maħluf fil-vojt u żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-kumpanija attriċi bħala l-parti telliefa fil-kawża.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss